MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 521/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Tony Cachia]**

**Vs**

**Garrad Ibrahim Mohamed**
**Ahmed Sharif Haydar Issa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellati, detentur Garrad Ibrahim Mohamed u Ahmed Sharif Haydar Issa detenturi tal-karta tal-Identita bin-numru 66126A u 43683A rispettivament talli:

Fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Dicembru, 2011, ghall-hin ta’ bejn il-11:30pm u is-1:30pm, fi-inhawi u fil-gnien tal-

”Pinetum” Pieta, u fl-inhawi ta’ Sa Maison Floriana, ikkommettew serq ta’ 350 Ewro, u cavetta ta’ vettura ghad-detriment ta’ Joseph Attard, liema serq ta’ flus huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi is-somma ta’ 232.94 Ewro izda mhux dik ta’ 2329.4 Ewro, bil-lok u bil-hin;

Fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommettew serq ta’ flus ghad-detriment ta’ Emanuel Chetcuti, liema serq huwa kkwalifikat vjolenza, bil-lok u bil-hin,

Fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew jqieghdu 1-hajja f’periklu car ta’ Joseph Attard ikkagunaw ferita ta’ natura gravi fuq 1-istess persuna ta’ Joseph Attard hekk kif iccertifika Dr. Jeffery Bonnici mill-isptar Mater Dei;

Fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Attard u lil Emanuel Chetcuti kontra il-volonta tieghhom;

Fi-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’mezzi kontra il-ligi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé nuccali ghad-detriment ta’ Emanuel Chetcuti, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 Ewro;

Fi-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament, kisru 1-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi skond l-Artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghas-sigurta ta’ Joseph Attard u Emanuel Chetcuti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-11 ta’ Dicembru, 2011, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli wara li rat 1-Artikoli 261(a), 261(c), 261(e), 261(f), 262, 267, 269, 270, 277, 214, 218(1)(b), 86, 325(l)(c) u

338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u ikkundannathom, kull wiehed, ghal sitta u tietin (36) xahar prigunerija li, b'applikazzjoni ta' 1-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gew sospizi ghal erba' (4) snin. A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem car ir-responsabilita' taghhom taht 1-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huma jikkomettu matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemn piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' 1-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 1-atti koliha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-23 ta' Dicembru, 2011 fejn talab bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghoobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellati hatja ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront taghhom; u

2. Thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena nflitta tinfliggi l-piena idoneja u gusta skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, illi in succint huma s-segwenti u cioe':-

Illi fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena Elfejn u Hdax (2011), l-esponent ircieva 1-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (1-Ewwel Onorabbli Qorti) kienet manifestament zbaljata billi erogat piena li ma teistix fil-ligi;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'li 1-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellati ghal sitta u tietin (36) xahar priunerija kull wiehed - sa hawn kollox skond il-ligi pero' imbaghad applikat 1-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liijiet ta' Malta u ssospendiet dan it-terminu ta' priunerija ghal perjodu ta' erba' (4) snin!;

Illi a skans ta' dilungar inutli, 1-esponent sejjer biss jirreferi lii din 1-Onorabbli Qorti ghall-artikolu 28A tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi, inter alia, illi:

*"…qorti li taghti sentenza ta' priunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn ghal reat tista' tordna li s-sentenza ma ghandhiex tibda' ssehh hief jekk, matul dak il-perjodu li jigi specifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' izjed minn erba' snin mid-data ta' l-ordni, li hati jikkommetti reat iehor..."*

Illi fil-kaz odjern, il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti dik ta' sitta u tletin (36) xahar priunerija bla dubju ta' xejn teccedi 1-massimu ta' sentejn ikkontemplat fi-artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liijiet ta' Malta, u kwindi d-dispoiizzjonijiet ta' 1-artikolu 28A ma jistghux japplikaw ghal din il-piena ta' priunerija;

Illi filwaqt illi mill-lat legali 1-piena ta' tliet snin (jew 36 xahar) priunerija ma setghet qatt tigi sospiza ai termini ta' 1-artikolu 28A tal-Kap.IX ta1-Liijiet ta' Malta, mill-lat fattwali, considerando r-reati kommessi u 1-istil litteralment barbaru li bih gew kommessi - fejn 1-appellati hargu minn qaib is-sigar, fis-satra tal-leji, aggredew bil-hagar, issekwestraw, ferew gravament u serqu persuni nnocenti li kienu ghaddejjin ghall-affari taghhom, piena karerarja effettiva hija hafna aktar idonea fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat.

Illi fid-9 ta' Dicembru ta'l l-2011, f'xi hin wara 11.30 pm, Joseph Attard kien qieghed miexi lejn il-karozza tieghu li kienet ipparkjata fil-parking area hdejn il-Pieta Bocci Club. Fil-hin bla waqt, qabzu fuqu Garad Ibrahim Mohammed u l-appellat Ahmed Sharif Haydan Issa, li kienu mistohbija

qalb is-sigar. Aggredewh permezz ta' gebla, tant li kkagunawlu griehi ta' natura gravi f'rasu u serqulu flus li kellu fuqu (cirka €350) u c-cavetta tal-karozza. Ftit tal-hin wara, l-istess persuni ppruvaw jaghmlu l-istess fuq ragel iehor, certu Joseph Attard, fejn is-sekwestraw u bdew jaggreduh pero gew il-Pulizija u qabdu lill-appellati "inflagrante" jaggredixxu lil Joseph Attard.

L-appellati gew imresqa b'arrest il-Qorti sabiex iwiegbu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom, fejn ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba u il-Qorti ghaddiex biex tippronuncja s-sentenza, fejn sabithom hatja u kkundannat kull wiehed mill-akkuzati ghal 36 xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artiklu 28 A tal-Kap 9 qed jigu sospizi ghal 4 snin.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona Appell. L-aggravju principali tieghu kien ghal fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet ennuncazzjoni hazina tal-Ligi peress illi l-Artiklu 28 A tal-Kap 9 jipprovdi illi l-Qorti setghet taghti sentenza ta' prigunerija sospiza ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn, mentri l-Qorti tal-Magistrati eccediet il-massimu kontemplat b'dan l-Artikolu.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti jidrilha illi teknikament l-Avukat Generali ghandu ragun u l-ewwel Qorti ghamlet zball meta imponiet terminu ta' 36 xahar sospizi ghal 4 snin u minn dan il-ghad, l-appell ta' l-Avukat Generali jisthoqlu li jkun milhuq pero l-Qorti kkunsidrat ukoll kif sar dan ir-reat fejn l-appellat u siehbu hargu minn qalb is-sigar, fid-dalma tal-lejl u aggredew, issekwestraw, ferew gravament persuni nnocenti li kienu ghaddejjin ghall-affarijiet taghhom. Il-Qorti rat ukoll illi Ahmed Sharif Haydar Issa m'huwiex xi novell fil-hajja kriminali, ghad li minkejja hu f'dan il-pajjiz bhala mistieden, abbuza mill-Ligijiet taghha biex wettaq reati serji fil-konfront ta' terzi. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha illi fil-kaz tieghu jisthoq piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tikkonferma s-sentenza tal-

Qorti tal-Magistrati, fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn imponiet il-piena u minflok, wara li rat l-Artikli 261 (A), 261 (C), 261 (E), 261 (F), 262, 267, 269, 270, 277, 214, 218 (1) (B), 86, 325 (1)(C) u 338 (DD) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-appellat Ahmed Sharif Haydar Issa ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------